MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 420/2004

**GasanMamo Insurance Ltd hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Alcom Enterprises Company Limited sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Alcom Enterprises Company Limited**

**Vs**

**Paul Mallia**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Frar 2004 fejn is-scojeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm659.98 (sitt mija disa` u hamsin Lira Maltin u tmienja u disghin centezmu) dovuti ghal danni kagunati f'incident awtomobilistiku.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
L-attruri jitolbu lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' sitt mija u disgha u

hamsin Lira u tmienja u disghin centezmu (Lm659.98) rapprezentanti danni kagunati f'incident awtomobilistiku tat-2 ta' Awissu, 2002, fi Triq il-Marfa, Mellieha, bejn il-vettura bin-numru DBB 329 misjuqa mill-konvenut, u l-vettura numru KBD 205 misjuqa minn Duncan Farrugia u propjeta` ta' l-assikurata tas-socjeta` attrici, liema vettura kienet assikurata taht polza 'comprehensive' mas-socjeta` attrici u li ghaldaqstant ghamlet tajjeb ghad-danni kkagunati fuq il-vettura ta' l-assikurata taghha, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

L-ammont mitlub jinkludi mitt Lira (Lm100) 'Excess'imhallsa mill-assikurata tas-socjeta` attrici, Alcom Enterprises Company Limited, li kienet assikurata taht polza 'comprehensive' mas-socjeta` attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta' Novembru, 2003, u ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' dan l-Avviz, u bl-imghax pagabbli mit-3 ta' Novembru 2003 sl-gurnata tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li hu minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-
It-talba attrici fil-konfront tal-konvenuta hija infondata fil-fatt u fid-Dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici, stante illi l-incident de quo sehh minghajr ebda htija da parti ta' 'l-istess konvenuta, izda sehh unikament b''egligenza, traskuragni, imperizja jew nuqqas ta' tharis tar-regolament tat-traffiku da parti ta' Duncan Farrugia illi kien qed isuq il-vettura assikurata mas-socjeta` attrici fil-hin ta' l-incident de quo, kif jista` jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi l-kawza odjerna si tratta ta' kollizzjoni fejn versjoni ta' xufier minnhom hija suffragata minn passigier li kien rikeb go vettura minnhom. Ix-xufier u l-passigier fil-vettura attrici isostnu li l-konvenut kien quddiemhom, u hareg lejn il-

lemin u istantament hekk kif gie biex jaqbez l-bokka tat triq li taghti ghal Paradise Bay, b'mossa kiser lejn ix-xellug minghajr pre-avviz. Ix-xufier tal-vettura pprova jevitah pero` inutilment.

Da parti tieghu il-konvenut jallega li ried jikser lejn ix-xellug, kien fuq gewwa u kif xeghel l-indicator tax-xellug, ha daqqa kbira fuq wara u inqaleb.

Kien ghadhu fil-bidu u ma kienx ghadhu beda jikser. Skond il-konvenut, l-azzjoni tax-xufier attrici hija l-logika u insensate. Il-vettura ta' warajh ma kelliex ghal fejn jidhol fih billi xeghel l-indicator tul ta' 10 karozzi qabel ma kienu vicin l-bokka u lanqas kien ghadhu beda jaghmel il-manuvra tal-ksur fuq ix-xellug. Inoltre il-vettura ta wara kull ma kellha taghmel kien li bid-distanza li kien hemm bejniethom il-vettura tal-konvenut setghet facilment iddur u din l-attrici tibqa sejra fid-direzzjoni dritta.

Ghaliex ma garax hekk? Hija aktar verosimili li l-versjoni tas-sewwieq/passiggier fil-vettura attrici. Il-konvenut ghoddu qabez il-bokka tad-dhul ghal Paradise Bay. Ma jiftakarx kienx vicin jew boghod minnha. Bl-ghaggla ma xegheletx l-indicator minghajr ma tat kaz jekk kienx hemm vetturi ohra warajh u f'dak il-mument kien idur lemah il-bokka bidel id-direzzjoni minghajr pre-avviz. Il-hsara fiz-zewg vetturi jissugrawa dawn l-eventi.

Id-daqqa fil-vettura attrici hija quddiem – lemin fil-waqt li dik fil-vettura konvenuta wara – xellug. In vista tal-fatt li kien mghobbi u l-pozizzjoni li kien fil-mument tal-habta ossia indawwar ta' bilfors kellu jinqaleb. Kien jiehdu t-tlett persuni involuti fil-habta sar kollox instantament.

Relattivament ghal kwantu u tad-danni dana ma gietx kontradett u ghalhekk qed jigi accettat.

Jiddeciedi illi fil-waqt li jilqa t-talbiet attrici jichad l-eccezzjoni tal-konvenut u jikkundannah ihallas is-somma ta' Lm659.98 bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------